MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Rikors Numru. 468/2008

Dr. Carmel Chircop et
vs
John Vella et

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors ta' John Vella li bih eccepixxa:

Illi din il-Qorti kienet ordnat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi fejn filwaqt li kienet awtorizzat lil John Vella biex jizbanka favur tieghu l-flus depozitati fic-cedola ta' depozitu numru 1263/2007 kienet zammet il-mandat fis-sehh ghal kull haga ohra;

Illi sussegwentement Dr. Carmel Chircop kien intavola citazzjoni fl-ismijiet 'Carmel Chircop u Mary Rose Chircop -vs- John Vella u Lynda Joyce Vella' Cit Nru 1124/2007 CFS liema kawza hija biss wahda dikjaratorja u ma hemm

l-ebda talba ghal hlas ta' flus biex jiggustifika l-validita` tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni;

Illi gjaladarba c-citazzjoni imsemmija mkien ma titlob kundanna ghal xi hlas minn naha ta' Dr. Carmel Chircop, allura ma hemm l-ebda procedura li permezz taghha l-mandat kawtelatorju fl-ismijiet hawn fuq premessi qed izomm fis-sehh ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Illi ghalhekk la darba ma giet intavolata ebda procedura li l-kawzali taghha b'xi mod jikkombacjaw mal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi l-pretensjoni ta' Dr. Chircop m'ghandhiex izzomm fis-sehh. Illi ghalhekk isegwi li la darba t-talba tar-rikorrenti hija biss talba dikjaratorja u mhux talba ghal kundanna ta' hlas b'ebda ragunament legali l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni m'ghandux izomm fis-sehh;

Ghaldaqstant, John Vella talab ir-revoka kompleta tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet fuq premessi, u dan taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 836(1) (a) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Carmel Chircop li biha eccepixxa:

1. Illi Dr. Carmel Chircop flimkien ma' John Vella u Lynda Joyce Vella ghamlu konvenju datat 27 ta' Lulju, 1999 (Dok '1') fejn John Vella et obbligaw ruhhom li jittrasferixxu l-fond bl-isem 'Ta' Randa' fi Triq iz-Zebbiegh, Mgarr u l-qbiela registrati f'isem John Vella u Lynda Joyce Vella liema qbiela kienu indikati fuq il-pjanta annessa ma' l-istess konvenju;

2. Illi John Vella u Lynda Joyce Vella kienu responsabbli sabiex jassiguraw li huma kellhom registrati mad-Dipartiment ta' l-Artijiet jigu trasferiti f'isem Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop;

3. Illi Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop sahansitra qabel id-data tal-konvenju kienu taw sebat elef lira Maltin (Lm7,000) lil John Vella u Lynda Joyce Vella sabiex dan jixtri minghand bidwi qbiela ta' raba adjacenti

mal-propjeta` in kwistjoni. John Vella u Lynda Joyce Vella kienu ittrasferew u irregistraw dawn il-qbiela f'isimhom bil-weghda li meta jsir l-att finali huma jittrasferixxu l-qbiela kollha li jkollhom registrati f'isimhom mad-Dipartiment ta' l-Artijiet lil Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop;

4. Illi John Vella u Lynda Joyce Vella fit-8 ta' April, 2005 kienu ipprezentaw ittra ufficjali kontra Albert Mamo, Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet (Dok '2') fejn qal li huma kellhom 'icedu u jassenjaw kwalsiasi dritt ta' inkwilinat li huma ghandhom fuq ir-raba mikri lilhom…';

5. Illi fl-att pubbliku datat 10 ta' Mejju, 2005 (Dok '3') l-istess John Vella u Lynda Joyce Vella jghidu li huma qed jittrasferixxu d-drittijiet li huma ghandhom fuq dawn il-qbiela lil Dr Carmel Chircop u Mary Rose Chircop u li qed jaghtu garanzija tal-pacifiku pussess;

6. Illi l-partijiet kienu qablu li l-valur tal-qbiela huwa ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000);

7. Illi minkejja dak kollu l-qbiela in kwistjoni ghadhom sal-lum registrati f'isem John Vella u Lynda Joyce Vella mad-Dipartiment ta' l-Artijiet;

8. Illi fl-att pubbliku fuq imsemmi Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop kienu obbligaw ruhhom li jhallsu bilanc ta' hamsa u hamsin elf lira Maltin (Lm55,000) f'pagamenti annwali ta' hdax il-elf lira Maltin (Lm11,000) fis-sena minghajr imghax;

9. Illi Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop kien qed ihalsu l-pagamenti annwali ta' hax il-elf lira Maltin (Lm11,000) lil John Vella u Lynda Joyce Vella izda dawn il-hlasijiet kienu qed isiru minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom fil-konfront ta' John Vella u Lynda Joyce Vella (Dok '4');

10. Illi John Vella u Lynda Joyce Vella minkejja li l-qbiela ghadhom registrati f'isimhom xorta wahda qed jitolbu l-hlas tal-bilanc ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000). Meta Dr. Carmel Chircop u Mary Rose

Chircop irrifjutaw li jaghmlu l-hlas, John Vella u Lynda Joyce Vella ipprezentaw mandat ta’ sekwestru. Dr Carmel Chircop u Mary Rose Chircop sabiex inehhu l-mandat ta’ sekwestru iddepozitaw il-flus fir-Registru tal-Qorti permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 1263/07. Inoltre, Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop sabiex jassiguraw li l-flus ma johorgux minn taht l-awtorita` tal-Qorti ipprezentaw mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1486/2007 flimkien ma’ kawza kontra John Vella u Lynda Joyce Vella;

11. Illi fic-citazzjoni taghhom Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop qed jitlobu li l-ammont pretiz rigward il-qbiela ma huwiex dovut sakemm John Vella u Lynda Joyce Vella ma jitrasferixxu u jirregistraw il-qbiela tgahhom f’isem Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop mad-Dipartiment ta’ l-Artijiet;

12. Illi Dr Carmel Chircop u Mary Rose Chircop ma ghandhom ebda diffikulta` josservaw il-pagamenti tal-hlas jekk kif indikat fl-att finali, izda ma jistawx John Vella u Lynda Joyce Vella jitolbu hlas sakemm ma josservawx l-obbligi kollha taghhom. Ghal din ir-raguni Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop intavolaw il-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni;

13. Illi mhux minnu li l-mandat ta’ sekwestru jista’ jigi prezentat biss meta jkun hemm talba ta’ hlas. Mandat kawtelatorju jista’ jsir sabiex jigu kawtelati d-drittijiet ta’ min qed jipprezenta l-mandat rigward hlas maghmul. Fil-kaz odjern jekk Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop ihallu lil John Vella u Lynda Joyce Vella jizbankaw l-flus mill-Qorti, Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop ma ghandhom ebda garanzija li jista jkun hemm rifuzzjoni tal-flus da parti minn John Vella u Lynda Joyce Vella kemm il-darba l-Qorti tilqa’ t-talbiet ta’ Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop hekk kif prezentati fic-citazzjoni;

14. Illi mil-fatti suesposti u mid-dokumenti annessi huwa evidenti li jekk il-darba l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju in kwistjnoni jigi revokat John Vella u Lynda Joyce Vella jkun qed jigi moghti facilita` li jizbanka fondi

mir-Registru tal-Qorti li mhux dovuti lilu u dan a pregudizzju u dannu ta’ Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop;

15. Illi huwa ekwu u gust li l-flus jibqghu taht l-awtorita` tal-Qorti sakemm John Vella u Lynda Joyce Vella jaghmlu dak kollu li weghdu fil-konvenju u fl-att pubbliku, cioe` jitrasferixxu l-qbiela f’isem Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop;.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost Dr. Carmel Chircop u Mary Rose Chircop talbu lill-Qorti li tichad ir-rikors ta’ John Vella u Lynda Joyce Vella.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi John Vella sostna li meta giet intavolata l-kawza minn Dr. Chircop (Citazz. Nru. 1124/07) din kienet biss dikjaratorja ghax ma hemm ebda talba ghall-hlas ta’ flus biex jiggustifika l-validita` tal-mandat. Illi dan huwa minnu meta wiehed jara c-citazzjoni esebita li strettament m’hemmx talba ghall-kundanna ghax li hemm talba ghal dikjarazzjoni li l-Lm40,000 stipulat fil-kuntratt ta’ l-10 ta’ Mejju 2005 mhux dovuti lill-konjugi Vella qabel ma dawn jottemperaw ruhhom mal-obbligi assunti minnhom fl-istess kuntratt, u l-konsegwenti talba tal-konjugi Vella tigi dikjarata intempestiva u li ghalhekk il-Qorti tkun tista’ tordna r-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv numru 1461/07 u r-rilaxx tad-depozitu fl-ammont ta’ Lm7153.99. Imkien ma hemm talba ghal xi kundanna ta’ hlas da parti ta’ l-intimat u ghalhekk ma hemm ebda procedura biex il-mandat kawtelatorju jzomm fis-sehh. Infatti jirrizulta li l-kawzali tac-citazzjoni ma jikkorrispondux mal-pretensjonijiet tal-mandat – danni sofferti minhabba inadempjenza kontrattwali da parti ta’ l-intimat.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Minhabba dawn il-motivi tilqa’ t-talba ta’ John Vella ghar-revoka kompleta tal-mandat imsemmi a tenur tal-Kap 12 artikolu 836(1)(a) u (f).

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------